MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**SAVIOUR DEMICOLI**

Seduta tat-22 ta' Frar, 2013

Numru. 468/2009

**Il-Pulizija**
**(Spettur Maurice Curmi)**

**vs**

**MARIA GRAZIELLA CASSAR**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet li permezz taghhom Maria Graziella Cassar ta' 27 sena, bint John u Marian nee’ Allen imwielda Pieta' fl-20 ta' Marzu 1983 u toqghod ‘Brooklyn Court’, Flat 5, Triq J. Quintano, Qawra, detentrici tal-karta ta' l-identita’ numru 172983(M)

Giet akkuzata talli bejn Marzu 2007 u Mejju 2007 f’dawn il-Gzejjer, b’diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti,

izda li jiksru l-istess disposizzjonijiet tal-ligi u li gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda, b'mezzi kontra il-ligi jew billi ghamlet uzu ta' ismijiet foloz jew ta kwalifiki foloz, jew billi nqdiet b'qerq iehor, ingann, jew billi urit haga b'ohra sabiex gieghlet titwemmen l-ezistenza ta' intraprizi foloz, jew ta' hila, setgha fuq haddiehor, jew ta' krediti immaginarji, jew sabiex qanqlet tama jew biza dwar grajja kimerika, ghamlet qligh ta' anqas minn mitejn u tnejn u tletin ewro u erbgha u disghin centezmu (€232.94) ghad-dannu tas-socjeta *Maltapost Plc*, ai terminu ta' l-artikoli 18, 308, 309 u 310 tal-Kodici Kriminali, Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

U aktar talli fit-8 ta' Mejju 2008 fil-Belt Valletta, ghamlet dikjarazzjoni falza, jew tat taghrif falz, jew ipproducew dokumenti foloz, ai termini tal-artikolu 14(2)(b) tal-Kap 258 tal-Liíijiet ta' Malta
Il-Qorti giet mitluba sabiex barra milli tapplika l-piena skond il-Ligi, tordna lill-imputata sabiex thallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra tal-esperti, ai termini tal-artikolu 533 tal-Kodici Kriminali, Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Semghet provi.

Rat l-atti u d-dokumenti esebiti.

Rat l-artikoli mibghuta mill-Avukat Generali bin-Nota ta' Rinviju datata 28 ta' Dicembru, 2012 u nnutat li l-imputata Maria Graziella Cassar m'ghandhiex oggezzjoni li l-kaz taghha jigi trattat bi procedura sommarja.

Innutat li fis-Seduta tallum l-imputata iddikjarat li hija hatja tal-akkuzi kollha migjuba kontra taghha.

Il-Qorti wissiet lill-imputata bl-aktar mod solenni rigward il-konsegwenzi tal-ammissjoni taghha u taghtha ftit taz-zmien sabiex tiddeciedi jekk tikkonfermax l-ammissjoni taghha jew le, u wara li giet mistoqsija jekk tikkonfermax l-ammissjoni taghha jew le, l-imputata wiegbet li hija hatja tal-akkuzi kollha migjuba kontra taghha.

Semghet trattazzjoni dwar il-piena.

Rat l-artikoli 17, 18, 31, 308, 309 u 310 tal-Kap. 9 u l-artikoli 14(2)(b) u 24 tal-Kap. 258 tal-Ligijiet ta' Malta.

Issib lill-imputata Maria Graziella Cassar, fuq ammissjoni, hatja tal-akkuzi kollha migjuba kontra taghha u tenut kont ic-cirkostanzi kollha tal-kaz inkluzi l-fedina penali netta tal-imputata, tillibera lill-istess imputata Maria Graziella Cassar taht il-Provvediment tal-Artikolu 22 tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta' Malta bil-kundizzjoni li ma taghmilx reat iehor fi zmien tlett (3) snin millum.

Finalment il-Qorti qed taghti lill-imputata Maria Graziella Cassar l-ispjegazzjoni preskritta fis-sub-artikolu 22(3) tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta' Malta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------